MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 235/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs.**

**KEVIN CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kevin Camilleri ta’ 27 sena, iben Joseph u Esther nee’ Falzon, imwieled Pieta nhar il-5 t’Awissu, 1982, u li joqghod nru. 84, Triq il-Lunzjata, Sliema, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru. 422582M.

Billi huwa akkuzat talli nhar il-11 ta’ Marzu, 2010, ghall-habta tas-1.30p.m., fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida, Msida:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq ta’ stereo minn vettura Maruti 800, numru tar-registrazzjoni CAM535, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dak id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu w li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w cioe’ vettura Maruti 800, numru tar-registrazzjoni CAM535, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u seba’ u erbghin centezmu (E116.47), izda izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha w ghoxrin centezmu (E23.29), ai terminu ta’ l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-detriment ta’ Karl Giusti u/jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
3. iktar, tallil kiser il-provvediment ta’ l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446, kif ukoll talli kkommetta reat/i li ghalihom hemm kontemplat piena ta’ prigunerija operattiv ta’ sentenza sospiza, u dan permezz ta’ sentenza datata 8 ta’ Mejju, 2008, fejn l-istess Kevin Camilleri kien instab hati ta’ reat ta’ serq, fost akkuzi ohra, u kien gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, filwaqt li sentenza ta’ disa’ xhur habs sospizi ghall-sentejn li kienet giet imposta fuq l-imputat nhar il-15 ta’ Dicembru, 2007, ukoll dwar serq, kienet giet estiza ghall-erba’ snin;
4. finalment, nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li ga nstab hati b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok A u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tal-imputat li sar fis-Seduta tat-12 ta’ Marzu, 2010 l-imputat kien wiegeb li huwa hati fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet izda mhux hati fuq it-tielet u r-raba’ imputazzjoni.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat stante li l-imputat diga' skonta l-piena li kellu jaghmel.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, filwaqt li ikkonferma li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, iddikjara li hu hati wkoll tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, t-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-rifurtiva giet mghoddija lill-Pulizija sabiex tigi ritornata lil sidha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li immedjatament wara din is-Seduta ser ihallas lill-parte civile Karl Giusti is-somma ta' Euro 116.47 rigwardanti it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b) u (g), 263, 271, 278(2), 325(1)(c), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kevin Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li immedjatament wara din is-Seduta ser ihallas lill-parte civile Karl Giusti s-somma

ta’ Euro 116.47 rigwardanti t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, tikkundanna lill-imputat Kevin Camilleri ghall-piena komplessiva ta’ sitt (6) xhur prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti tirrileva li din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------